**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 35 SARET NHAR**
**Il-HAMIS 5 TA' DICEMBRU 2013 FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetcuti | Membru |
| Wallace Farrugia | Membru |
| Anna Paris | Membru |

Ic-Chairperson F. Salt kien skużat minħabba ragunijiet ta' xoghol u safar.

**TALBA**

Il-Vici-Chairperson qalet t-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 34 ġew approvati. Il- Vici Chair person M. Abela ipproponiet u l-membru A. Paris ssekondat.

## II. KOMMUNIKAZZJONI MINN DAWK PREZENTI

1. Il-Membru W. Farrugia staqsa dwar x'jinkludi ezatt il-kuntratt li kien gie ffirmat mal-Kumpanija Silos Ltd. dwar il-kumplament ta' kisi bit-tamak fl-erbgha t-toroq fil-Madliena.

   Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li mit-toroq pendenti ga saru tnejn. Dawn huma l-parti ta' isfel fi Triq il-Pedidalwett u l-entratura ghall-Fortizza tal-Madliena. Huwa nforma wkoll li Triq l-Inginier tnehhiet mill-kuntratt originali peress li din gie miftiehem li ssir mill-WSC. Il-WSC se jhallsu ghat-tarmak ta' fejn se tithaffer it-trinka u l-Kunsill se jhallas il-parti li jkun fadal. Huwa nforma li x-xoghlijiet fi Triq l-Inginier se jsiru mill-kuntrattur tal-WSC (Road Servicing Ltd.)

   Gie spjegat li mill-kuntratt originali fadal biss il-parti ta' fuq ta' Triq il-Madliena u l-hsarat li sa issa ghadhom ma trangawx.

2. Wara diskuzzjoni fid-dettal, il-Kumita idecieda li tithallas *retention* ta' Phase1 pero' ma tithallasx ir-retentiomn ta' Triq il-Madliena peress li l-hsarat ghadhom ma sarux. Ir-*retention* tithallas biss wara li jsir certifkat mill-Perit tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kumitat Amministrattiv qabel ukoll sabiex mill-aktar fis hjibdew il-proceduri ghall-arbitragg.

3. Il-Vici Chairperson staqsiet dwar meta se jkunu lesti x-xoghlijiet ta' restawr fuq il-kappella tal-Madliena . Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li saru kuntatti mal-Kuntrattur u dan weighed li se jkunu lesti sad-9 ta; Dicembru 2013 jekk jippermetti t-temp.

Din il-laqgha spiccat fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |